# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 232/01GV**

**Chef Choice Limited**

**vs**

**Ramazan Ertugrul f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ertugrul Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut proprio kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Ertugrul Co. Limited ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u tmenin lira Maltin (Lm2,180) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija, tat-tip ta' affarijiet tal-ikel, mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut proprio et nomine fuq talba tieghu stess, kif jidher mill-istatement tas-socjeta' attrici, hawn anness bhala Dok. "A";

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenut proprio et nomine, baqa' inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut proprio et nomine m'ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni;

Premess illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sitta u sebghin (167) *"et sequitur"* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi

hawn anness affidavit tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dok. "B";

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u tmenin lira Maltin (Lm2,180) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija, tat-tip ta' affarijiet tal-ikel, mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut proprio et nomine;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2000 u tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Ottubru, 2000, tal-kontromandat relevanti u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut proprio et nomine.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut proprio et nomine li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Mario Tabone;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut proprio et nomine tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' Ertugrul Co. Limited..

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**